# Tonio

Ġorġ Mallia

"Ara x'sibt, Tonio," qaltlu ommu.

Kien imur jaraha kull nhar ta' Sibt filgħaxija. Mhux għax kellu l-ħin, imma kienet saret drawwa li jiltaqgħu l-aħwa kollha għand ommu dakinhar. U hu kien imur b'dover.

Tatu ktieb imberfel, bil-qoxra nofsha mqattgħa, bl-ispina miksija b'tejp isfar.

"Dak l-annwal tal-iskola," qal. Ħadu u qallbu, u hemm kien ir-ritratt tal-klassi meta kien Form 4, bih xipli xipli fuq quddiem. Għajnejh waqgħu fuq Bast, il-bully. Kien jismu Sebastjan, imma kulħadd kien jafu b'Bast… u kulħadd kien jibża' minnu, l-aktar Tonio, li kien ħalib għal snienu. Kien kattiv u jkissrek kull ċans li kien ikollu. Ifarrkek. Jagħsrek. Ikrah u kbir daqs ġolf, kien juża saħħtu biex imiegħek lil min kien iżgħar minnu.

Le, ma kinux snin sbieħ dawk tal-iskola sekondarja, imma l-istess ibbuljar kien xprun għalih… xprun biex jurihom… l-aktar lil Bast… li hu ma kienx ix-xejn li qalulu li kien. Għalhekk baqa' baqa' sa ma daħal l-università, jistudja għal tabib, jispeċjalizza fil-kirurġija. Għalhekk issa kien il-Professur Tonio Sammut.

Kien qallu xi ħadd li Bast kien messaġġier mal-gvern. Ma stenniex aħjar. Kien jaf li moħħu ma jwasslux għal aħjar minn hekk. Xorta kien joħlom li xi darba jpattihielu… li jaħfnu taħt idejh u jiżbranah. Imma kien jaf li dan kien ħolm futili… imma xorta kien jieħu gost joħolmu. Baqa' ma ħafirlux it-tortura ta' ħames snin.

L-għada kien l-isptar, kmieni bħas-soltu, lest biex jibda l-ewwel operazzjoni li se ssalva l-ħajja ta' xi ħadd.

"Min hu l-ewwel, ners?"

"Sebastjan Meilak," qaltlu. "Għandu ċesta qed tagħfaslu fuq il-pulmun. Jekk ma nneħħuhilux, imut żgur."

